**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 10 ta’ Lulju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Vs**

**Jutis Bisash Sotto Bisash**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jutis Bisash Sotto Bisash**, detentur ta’ numru tal-Pulizija **20CC-013** fejn gie akkuzat talli nhar it-8 ta’ Lulju 2021, bejn il-hamsa neqes kwart ta’ filghaxija (16:45hrs) u il-hamsa ta’ filghaxija (17:00hrs), f’dawn il-Gżejjer u/jew ġewwa Hal Safi;

1. **ikkommettejt harba semplici mic-centru ta’ detenzjoni ta’ Safi Barracks Detention Centre, Safi waqt li kien taht il-kustodja**

**ta' persuni inkarigati miz-zamma taghhom (*Art 151, 160, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;**

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis principalment l-ammisjoni bikrija tal-imputat.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 151 U 160 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammisjoni tieghu stess, tal-imputazzjoni kif dedotta u tikkundannah ghall-piena ta` sitt (6) xhur prigunerija.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur